# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

**MAGISTRAT**
**DR ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D. MAG. JUR. (EU LAW)**

**Seduta ta’ l-Erbgha 30 ta’ Mejju 2001**

Citazzjoni numru 34/00G1

APS Bank Limited (Fergha ta’ Ghawdex)

-vs-

Mario Muscat, Peter u Valerie konjugi Muscat, Edwin Munscat u Muscat Marine Limited

Il-Qorti;

Rat l-att tac-citazzjoni tas-socjeta’ attrici li jaqra:

“Illi permezz ta’ kuntratt ta’ self fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tas-sittax (16) ta’ Lulju ta’ l-elf disa’ mija u sebgha u disghin (1997) il-Bank attur ta u kkonceda b’self lill-konvenut Mario Muscat is-somma ta’ tnejn u ghoxrin elf tmien mija u tnejn u hamsin lira Maltija (Lm22,852) bil-pattijiet u kundizzjonijiet hemm miftehma (Dokument A);

Illi dan is-self gie garantit mill-konvenuti Peter u Valerie konjugi Muscat, Edwin Muscat u Muscat Marine Limited solidalment flimkien mad-debitur principali.

Illi l-konvenuti, minkejja bosta tentattivi da parti tal-bank attur inkluz permezz ta' ittri ufficjali, naqsu li jharsu l-kundizzjonijiet li tahtom il-facilitajiet fuq imsemmija gew koncessi u partikolarment naqsu li jirrestitwixxu l-flus lilhom mghoddija.

Illi ghadha dovuta lill-Bank attur is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, hames mija u disgha u disghin lira Maltija u sittin centezmu (Lm23,599.60) liema ammont jinkludi l-imghax sad-disgha u ghoxrin (29) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999) Dok B u C.

Illi fil-fehma tal-bank attur dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet validi x'iqanqlu u ghalhekk din il-Qorti tista' tipprocedi ghas-sentenza ai termini ta' l-artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kap Tnax (12) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili bid-dispensa tas-smiegh.

Jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kap tnax (12) tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara lill-konvenuti solidalment bejniethom debituri fil-konfront ta' l-APS Bank Limited fis-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, hames mija u disgha u disghin lira Maltija u sittin centezmu (Lm23,599.60) dovuta kif fuq spjegat u tikkundannahom ihallsu l-istess.

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihalsu wkoll l-imghax ulterjuri bir-rati applikabbli mid-data tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Dicembru ta' l-elf disa' mija u disgha u disghin (1999) sad-data tal-hlas relattiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali spedita f'April 1999 u f'Jannar 2000 u tal-Mandat ta' sekwestru ippresentati fl-istess ismijiet.

Il-konvenuti mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigu ingunti.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament mahlufa u l-lista tax-xhieda annessa flimkien mad-dokumenti.

Rat id-digriet u l-verbali tal-24 ta' Frar 2000, t-8 ta' Marzu 2000, is-16 ta' Marzu 2000, t-12 ta' Dicembru 2000 u s-16 ta' Frar 2001.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha fejn eccipew:

1. preliminarjament t-talbiet tas-socjeta' attrici hija ntempestiva peress illi l-ammont pretiz ghadu mhux dovut fl-intier tieghu, skond ma jigi dettaljatament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi l-konvenuti sal-lum ottemperaw ruhhom mal-ftehim u ghalhekk din il-kawza saret inutilment.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom u l-lista tax-xhieda annessa.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-process.

Ikkunsidrat:

Mill-kuntratt esebit (Dok A) a folio 5 et seq jirrizulta li fis-16 ta' Lulju 1997 l-Bank attur kien ta u ikkonceda b'self lill-konvenut Mario Muscat is-somma ta' tnejn u ghoxrin elf tmien mija u tnejn u hamsin lira Maltin (LM22,852) liema ammont gie garantit solidalment bejiethom mill-konvenuti l-ohra. Mill-prospett tal-kont, esebit Dok B (folio 10 et seq), jirrizulta li l-ammont gie prelevat fl-intier tieghu fid-data tal-kuntratt u l-ammont dovut sa l-ahhar entrata jirrizulta fis-somma ta' wiehed u ghoxrin elf sitt mija u wiehed u hamsin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm21,651.87). Mill-prospett tal-kont, esebit Dok C (folio 12) jirrizulta l-imghax u spejjez ohra, inkorsi, anke ta' indole gudizzjarja. Fl-intier l-ammont

jirrizulta fis-somma indikata fic-citazzjoni salv l-imghax minn Jannar tas-sena 2000 fuq l-ammont aggregat kif jirrizulta dovut. Mill-att pubbliku jirrizulta wkoll li l-ammont u l-imghax gew garantiti solidalment mill-konvenuti l-ohra.

Illi l-konvenuti fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom qajmu l-intempestivita ta' l-azzjoni. Din il-Qorti tifhem li l-eccezzjoni hi bazata fuq il-fatt li s-socjeta' attrici ma interpellatx ghar-restituzzjoni bil-miktub. Ghalkemm dan il-fatt ta' l-interpellanza bil-kitba ma jirrizultax mill-atti b'daqstant pero' l-azzjoni ma tistax tinghad li hija intempestiva; l-att gudizzjarju *ut sic* jissodisfa r-rekwisiti tal-kuntratt ghalkemm jista' jkun hemm temperament fl-ispejjez li l-Qorti mhix tal-fehma li ghandu jkun l-kaz f'din il-kawza.

Tiddeciedi ghalhekk:

1. li tilqa' t-tieni u t-tielet talba ta' l-attur u fil-waqt li tiddikjara lill-konvenut Mario Muscat d-debitur principali u l-konvenuti Peter u Valerie konjugi Muscat, Edwin Muscat u s-socjeta' Muscat Marine Limited, ilkoll garanti solidali, debituri ta' l-attur fis-somma komplessiva ta' tlieta u ghoxrin elf hames mija u disgha u disghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm23,599.60) tikkundannahom solidalment bejniethom ihalsu dan l-ammont flimkien ma' l-imghax dekorribbli mill-1 ta' Jannar 2000.

Bl-ispejjez ta' din l-istanza izda eskluzi l-ispejjez ta' l-ittri ufficjali u l-mandat ta' sekwestru li jirrizulaw inkluzi fil-prospett tal-kont dok C.

(ft.) A. M. Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur